MALTI – IL-LETTERATURA

EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – KARTA MUDELL

IR-RABA' SENA Sagħtejn

---

## L-EWWEL TAQSIMA

**Poeżija**

**Ir-Refenza għall-Kuntest**

***Aqra din il-poeżija u wara wieġeb il-mistoqsijiet:*** ***(20marka)***

Hemm passaġġi li tibdiehom
mit-twelid;
hemm oħrajn li tiskoprihom
bit-taħbit.

Hemm passaġġi li taqbadhom
bla taf kif;
hemm oħrajn li toħroġ minnhom
kollok grif.

Hemm passaġġi li tilħaqhom
fiduċjuż;
hemm oħrajn li jħalluk dejjem
diżilluż.

Hemm passaġġi ssibhom jagħlqu
wara ftit;
hemm oħrajn li jwassluk temmen
fl-infinit.

ST. FRANCIS

- X’jisimha din il-poeżija u min kitibha? (2 marki)
- X’inhi l-metafora ċentrali f’din il-poeżija u x’qed tirrappreżenta? (4 marki)
- Islet paradoss u spjega x’messaġġ irid iwassal il-poeta bl-użu tal-paradoss. (4 marki)
- Iddiskuti l-metrika ta’ din il-poeżija. (3 marki)
- X’effett għandha l-anafora f’din il-poeżija? (3 marki)
- X’messaġġ irid iwassal il-poeta f’din il-poeżija? (4 marki)

## IT-TIENI TAQSIMA

### Proża

### Ir-Referenza għall-Kuntest

***Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet. (20 marka)***

…Billi l-biċċa ġilda, meta l-kelb marad, kienet tħokk ma’ għonqu kollu ġrieħi, stħajjiltha tniġġset u jekk inżommha tista’ tniġġisni. U issa li mhux ser ikolli kelb aktar, għalfejn inżommha? Dil-ġilda kien tahieli l-iskarpar li kelli miegħi. Kien tahieli b’xejn. Meta rani ser inħalliha warajja, qalli minn taħt l-ilsien biex neħodha. Iżda jien ħallejtha warajja aktarx bħala tribut lill-kelb li kont inħobb daqs ħija. Ma stajt nagħtih xejn. Ma stajt ngħinu f’xejn. Lanqas biċċa xkora ma kont ġibt miegħi biex nifrixhielu fl-art, biex jorqod fuqha sa jisbaħ. U min jaf kemm se jħoss bard mal-lejl, bejn għaliex marid u bejn li ninsabu fl-eqqel tax-xitwa.

Il-ġilda dendiltha fuq il-biċċa t’isfel tal-bieb li kienet magħluqa.

X’ħin ħriġna mill-għassa nfexxejna nidħku għaliex wieħed minna kien se jiżloq.

L-iskarpar qal li aħjar ngħaġġlu għaliex kien qed iberraq u x-xita kienet imdendla b’ħajta.

F’salib it-toroq ħallejt lit-tlieta li kelli miegħi u rħejtilha waħdi għad-dar, inċaflas fl-għadajjar tal-ilma – li ma stajtx nara bid-dlam li kien – u nterter bil-kesħa li bdejt inħoss. Kont ili ma nħoss bard daqshekk.

Jien u miexi ħassejt bħal għoqla tielgħa għal griżmejja. Dak il-ħin qam ħafna riħ. Xħin ħemed, smajt lili nnifsi nolfoq, u bid-dmugħ m’għajnejja ma stajtx nara nimxi. Kont ili ma nolfoq u nxerred demgħa aktar minn sentejn – minn dakinhar li kien miet ħija ħabta u sabta u qasir il-għomor. (…)

- Mil-liema novella hija meħuda din is-silta u min kitibha? (2 marki)
- Għaliex din in-novella nistgħu nsejħulha awto-bijografika?(2 marki)
- X’tip ta’ karattru kellu n-narratur? (3 marki)

ST. FRANCIS

- Kif joħroġ l-element patetiku f'din in-novella? (3 marki)
- Sib paradoss minn din is-silta. X'effett għandu dan il-paradoss fuq il-qarrej? (4 marki)
- Islet similitudni mis-silta u għid għaliex jużaha. (3 marki)
- X'teknika qed juża l-awtur biex jilħaq il-qofol tal-istorja(il-klajmaks)? (3 marki)

## IT-TIELET TAQSIMA

## Il-Komponimenti Letterarji

(fuq l-antoloġija minbarra Il-Ħarsa ta' Rużann)

***Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet u ikteb komponiment fuq kull waħda ( ta' 200 kelma l-wieħed): (20+20 marka)***

- Bosta kittieba jispiraw ruħhom mill-ambjent Malti. Iddiskuti b'referenza għall-kitbiet letterarji li studjajt.

- Bosta poeti u prożaturi jittrattaw problemi kontemporanji li jeżistu f'pajjiżna biex b'hekk iġibuna konxji minnhom. Iddiskuti b'referenza għall-kitbiet letterarji li studjajt.

- Iddiskuti kif diversi kittieba kitbu dwar is-sens ta' identita' billi tirreferi għall-kitbiet letteraji li studjajt.

ST. FRANCIS

**IR-RABA' TAQSIMA**

**Il-Komponiment Letterarju**

(fuq il-Ħarsa ta' Rużann)

***Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment fuqha (ta' 200 kelma):***

***(20 marka)***

- Iddeskrivi l-karattru ta' Rużann u għid kif u għaliex tħalli l-impatt tagħha fuq Karmenu.

- Mark Antonin jgħid: "… Sa minn ħafna qabel dik l-edukazzjoni li l-Ewropa tal-ibliet u tal-Universitajiet setgħet toffri u tagħti lil xi ħadd bħali, werriet tal-flus, privileġġi u setgħa." X'juri dan id-diskors fuq ir-realta' soċjali ta' dak iż-żmien? X'kienu l-ideat progressivi ta' Mark Antonin?

ST. FRANCIS